Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **ID-DIRETTIVA 2000/64/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tas-7 ta' Novembru 2000

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE, 92/96/KEE u 93/22/KEE rigward l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi

(OJ L 290, 17.11.2000, p. 27)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Id-Direttiva Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002	L 345	1	19.12.2002

▼B

ID-DIRETTIVA 2000/64/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-7 ta' Novembru 2000

li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE, 92/96/KEE u 93/22/KEE rigward l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tielet sentenzi ta' Artikolu 47 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) Id-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE ([4]) 92/49/KEE ([5]), 92/96/KEE ([6]) u 93/22/KEE ([7]) jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet kompetenti u ma' ċerti awtoritajiet jew korpi oħra fl-Istat Membru jew bejn Stati Membri. L-imsemmija Direttivi jippermettu ukoll il-konklużjoni minn Stati Membri ta' ftehim ta' kooperazzjoni li jipprovdu għall-iskambju ta' informazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi.

(2) Fuq il-bażi ta' konsistenza mad-Direttiva 98/33/KE ([8]), din l-awtorizzazzjoni li jkunu konklużi ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi għandha tiġi estiża sabiex tinkludi l-iskambju ta' informazzjoni ma' ċerti awtoritajiet jew korpi oħra f'dawk il-pajjiżi li jipprovdu li l-informazzjoni żvelata tkun suġġetta għal garanziji xierqa ta' segretezza professjonali.

(3) Id-Direttiva 85/611/KEE, id-Direttiva 92/49/KEE, id-Direttiva 92/96/KEE u d-Direttiva 93/22/KEE għandhom ikunu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Artikolu 50(4) tad-Direttiva 85/611/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim ta kooperazzjoni, li jipprovdu għal skambju ta' informazzjoni, ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jew ma' awtoritajiet jew korpi ta' pajjiżi

([1]) ĠU C 116 E, tas-26.4.2000, p. 61.
([2]) ĠU C 168, tas-16.6.2000, p. 1.
([3]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-14 ta' Ġunju 2000 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000.
([4]) ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 3. Id-Direttiva emendata b'Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/26/KE (ĠU L 168, tat-18.7.1995, p. 7).,
([5]) ĠU L 228, tal-11.8.1992, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/26/KE.
([6]) ĠU L 360, tad-9.12.1992, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/26/KE.
([7]) ĠU L 141, tal-1.6.1993, p.27. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 97/9/KE (ĠU L 84, tas-26.3.1997, p. 22).
([8]) ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 29.

▼B

terzi kif iddefiniti fil-paragrafi 6 u 7, biss jekk l-informazzjoni li tkun żvelata tkun suġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali mill-anqas ekwivalenti għal dik li hemm referenza għalihom f'dan l-Artikolu. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun għall-iskopijiet tat-twettiq tad-doveri ta' superviżjoni mill-awtoritajiet jew korpi msemmija.

Meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tkunx tista tiġi żvelata mingħajr il-qbil espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelaw u, fejn xieraq, biss għall-iskopijiet li dwarhom dawk l-awtoritajiet ikunu taw il-kunsens tagħhom."

L-Artikolu 2

L-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 92/49/KEE ►**M1** ———— ◄ u l-Artikolu 25(3) tad-Direttiva 93/22/KEE, għandhom ikunu mibdula b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri jistgħu jikkonkludu ftehim ta kooperazzjoni, li jipprovdu għal skambju ta' informazzjoni, ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jew ma' awtoritajiet jew korpi ta' pajjiżi terzi kif definiti f'paragrafi 6 u 7, biss jekk l-informazzjoni li tkun żvelata tkun suġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali mill-anqas ekwivalenti għal dik li hemm referenza għalihom f'dan l-Artikolu. Dan l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun għall-iskopijiet tat-twettiq tad-doveri ta' superviżjoni mill-awtoritajiet jew korpi msemmija.

Meta l-informazzjoni toriġina fi Stat Membru ieħor, din ma tkunx tista' tiġi żvelata mingħajr il-qbil espress ta' l-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelaw u, fejn xieraq, biss għall-iskopijiet li dwarhom dawk l-awtoritajiet ikunu taw il-kunsens tagħhom."

L-Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex dawn ikunu konformi ma' din id-Direttiva sas-17 ta' Novembru 2002. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi biex jagħmlu din ir-referenza għandhom ikunu esiġiti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 4

Dan id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.